



Ombudsman Ewropew

Rapport Annwali 2014





Ombudsman Ewropew

Rapport Annwali 2014

Werrej

Introduzzjoni	4
1 Ħarsa lejn l-2014	6
2 Suġġetti ewlenin	7
2.1 Trasparenza	7
2.2 Trasparenza fil-lobbying	8
2.3 Trasparenza tad-data ta' provi kliniċi	10
2.4 Id-drittijiet fundamentali	11
2.5 Kwistjonijiet etiċi	13
2.6 Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE	14
2.7 Proġetti u programmi ffinanzjati mill-UE	15
2.8 Il-politika dwar il-kompetizzjoni tal-UE	16
3 Kemm ilmenti?	18
4 Kontra min?	21
5 Dwar xiex?	22
6 Ir-riżultati miksuba	23
7 Kif nittrattaw il-każijiet	25
8 Konformità mal-proposti tal-Ombudsman	27
9 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE	28
9.1 Parlament Ewropew	28
9.2 Kumitat għall-Petizzjonijiet	28
9.3 Kummissjoni Ewropea	29
9.4 Istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-UE	29
9.5 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà	29
10 Relazzjonijiet ma' networks	31
11 Riżorsi	34
11.1 Il-baġit	34
11.2 Użu tar-riżorsi	34
11.3 It-tim wara l-Ombudsman	35
Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew	36



Introduzzjoni



Emily O'Reilly,
Ombudsman Ewropew

Huwa pjaċir tiegħi li nippreżentalek ir-Rapport Annwali għall-2014.

Din kienet sena estremament produttiva għall-Ombudsman Ewropew hekk kif aħna bdejna l-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida tagħna, *Lejn l-2019*, b'enfasi akbar fuq il-kwistjonijiet strateġiċi tal-amministrazzjoni pubblika tal-UE, li jaffettwaw miljuni ta' Ewropej.

Bit-tqajjim tal-viżibbiltà tal-uffiċċju u ż-żieda fir-rilevanza tiegħu, nittamaw li niksbu impatt pożittiv akbar fuq it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għall-benefiċċju taċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE.



#1



**EU Parliament
Photo**



#EPhoto: Emily O'Reilly was today re-elected by the [@Europarl_EN](#) as [@EUombudsman](#) #EPenary ombudsman.europa.eu/home.faces



Emily O'Reilly illum kienet eletta mill-ġdid mill-Parlament Ewropew bħala l-Ombudsman Ewropew.

Fl-2014, aħna kkontribwixxejna f'dibattiti ewlenin fil-livell tal-UE, billi għamilna użu akbar tal-poter tagħna biex immexxu investigazzjonijiet strateġiċi fuq inizjattiva proprja. Rajna riżultati tajbin fl-investigazzjoni tagħna fit-trasparenza tan-negozjati dwar Sħubija Transatlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). L-Ombudsman kienet ukoll parti mill-isforz konġunt għal żieda fit-trasparenza tal-lobbying fl-UE. Aħna mexxejna diversi investigazzjonijiet dwar din il-kwistjoni ġenerali, inklużi l-kompożizzjoni u t-trasparenza tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea u l-fenomeni tal-"bibien li jduru".

Barra minn hekk komplejna nsolvu għadd sinifikanti ta' lmenti minn individwi, membri ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, negozji u interessi oħrajn, u assistejna lil ħafna oħrajn biex ifittxu soluzzjonijiet għad-diffikultajiet tagħhom.

Fl-aħħar tas-sena, kont onorata li ġejt eletta għal darb'oħra mingħajr ebda oppożizzjoni mill-Parlament Ewropew bl-appoġġ minn fost il-gruppi politiċi ewlenin kollha. Jiena nġedded il-wegħda tiegħi li naħdem b'mod indipendenti u b'enerġija f'isem iċ-ċittadini tal-UE u li nassisti lill-istituzzjonijiet tal-UE fl-isforz tagħhom biex jipprovdu l-aħjar servizz possibbli liċ-ċittadini u r-residenti tal-Ewropa. ▶ #1  #1  #2

Jien se nkompli wkoll nikkollabora mill-qrib mal-Parlament Ewropew, mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali, u mal-familja kollha tal-ombudsman.

Nistiednek biex tgawdi t-tieni Rapport Annwali tiegħi.

Strasburgu, 16 ta' Frar 2015



Emily O'Reilly



Emily O'Reilly kienet eletta mill-ġdid fis-16 ta' Diċembru 2014.
<http://europa.eu/!uk78wD>



#2



EP President

Congratulations to Emily O'Reilly for [@EUOmbudsman](#) re-election by [@Europarl_EN](#)! Big majority is testament to her commendable work done

Prosit lil Emily O'Reilly għall-elezzjoni mill-ġdid tagħha bħala l-Ombudsman Ewropew mill-Parlament Ewropew! Il-maġġoranza kbira ta' voti li gābet hija xhieda tax-xogħol ta' min ifaħħru mwettaq minnha.



Kapitolu 1

Ħarsa lejn l-2014

Is-sena 2014 kienet waħda movimentata għall-istituzzjoni tal-ombudsman, peress li l-Ombudsman bdiet l-implimentazzjoni tal-istrategġja l-ġdida tagħha għal impatt, viżibbiltà, u rilevanza akbar. Hawn huma xi wħud mill-punti ewlenin mis-sena:





Meta Emily O'Reilly ħadet il-kariga bħala Ombudsman Ewropew f'Ottubru 2013, hija ħabbret li kienet ser tutilizza l-poteri fuq inizjattiva proprja biex tinvestiga problemi sistemiċi fl-amministrazzjoni tal-UE b'mod aktar strateġiku. L-Ombudsman trid tiżgura li l-ħidma tal-uffiċċju tagħha ssir aktar rilevanti fir-rigward tat-tfassib ewleni taċ-ċittadini u r-residenti Ewropej ordinarji. Għal dan il-għan, hija ħatret Koordinatur għall-Investigazzjoni fuq Inizjattiva Proprja biex imexxi l-investigazzjonijiet strateġiċi fuq inizjattiva proprja, b'kollaborazzjoni ma' kollegi, għal twettiq veloċi u effettiv. Ħafna mill-każijiet użati f'din is-sezzjoni bħala eżempji nfetħu fuq l-inizjattiva tal-Ombudsman.

2.1 Trasparenza

L-ilmenti relatati man-nuqqas ta' trasparenza fl-istituzzjonijiet tal-UE għadhom fil-quċċata tal-lista ta' lmenti għall-Ombudsman Ewropew. Għal diversi snin issa, minn 20 % sa 30 % tal-ilmenti li l-uffiċċju tal-Ombudsman jinvestiga kienu jikkonċernaw it-trasparenza. Il-kwistjonijiet ta' trasparenza l-aktar komuni li jitqajmu huma r-rifjut tal-istituzzjonijiet li jagħtu aċċess għal dokumenti u/jew informazzjoni. Il-[Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE](#) tiggarantixxi liċ-ċittadini d-dritt ta' aċċess għal dokumenti pubbliċi.

Fl-2014, l-Ombudsman fetħet numru ta' investigazzjonijiet dwar ir-rifjut tal-istituzzjonijiet li jagħtu aċċess għal dokumenti ewlenin tal-UE, b'riżultati pożittivi. Bħala konsegwenza, il-[Kummissjoni Ewropea](#) ppubblikat dokumenti dwar id-dħul tal-Greċja fiż-Żona tal-euro, il-[Bank Ċentrali Ewropew](#) (BĊE) żvela ittra li kien baġħat lill-gvern Irlandiż fl-eqqel tal-kriżi finanzjarja, u l-Kummissjoni rrilaxxat dokumenti interni dwar il-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE.


Il-każ tal-Greċja, ippreżentat minn ġurnalist Ġermaniż, kien jikkonċerna dokumenti dwar ir-rapporti tal-bidla tal-Greċja u l-korrispondenza bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet Griegi, u mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra tal-UE. [#3](#)

Wara l-intervent tal-Ombudsman, is-Segretarjat Ġenerali identifika 140 dokument u rrilaxxahom kollha lill-ġurnalist. [L-Ombudsman faħħret din l-azzjoni](#), u fakkret kemm huwa vitali li ċ-ċittadini Ewropej jifhemu kif iseħħu d-deċiżjonijiet importanti li jaffettwaw lil ħajjithom, b'mod speċjali fi żminijiet ta' kriżi.

**AsktheEU**

@EUombudsman commends @EU_Commission for publishing 140 documents on Greece's 2001 entry into the Eurozone. [#EU #rti ombudsman.europa.eu/en/press/release.faces/en/53411/html.bookmark ...](#)

L-Ombudsman Ewropew tfaħħar lill-Kummissjoni Ewropea għall-pubblikazzjoni ta' 140 dokument dwar id-dħul tal-Greċja fiż-Żona tal-euro fl-2001.


Suzanne Lynch

@EUombudsman Emily O'Reilly welcomes release of #ECB letter. "The letter should clearly have been released much earlier." #Trichetletter

L-Ombudsman Ewropew Emily O'Reilly tilqa' r-rilaxx tal-ittra tal-Bank Ċentrali Ewropew. "B'mod ċar l-ittra kellha tiġi rilaxxata ħafna aktar qabel."






Il-każ tal-ittra tal-BĊE lill-Irlanda tal-Ombudsman Ewropew 2014. <http://europa.eu/!nQ37UM>







European Movement

.@EUombudsman: @EU_Commission releases internal documents on Common Fisheries Policy: ombudsman.europa.eu/en/press/release.faces/en/54519/html.bookmark ... #EurMove

Ombudsman Ewropew: Il-Kummissjoni Ewropea tirrilaxxa dokumenti interni dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

F'ittra lill-Ministru tal-Finanzi Irlandiż fl-2010, Jean-Claude Trichet, il-President ta' dak iż-żmien tal-BĊE, talab lill-Irlanda biex taġixxi malajr sabiex tippoteġi l-istabbiltà finanzjarja tagħha. Meta ġurnalista Irlandiż talab li jara l-ittra fl-2011, il-BĊE rrifjuta li jiżvelaha. Il-BĊE sostna li kien hemm il-ħtieġa li tiġi protetta l-istabbiltà finanzjarja tal-Irlanda fil-kuntest ta' pressjoni sinifikanti fuq is-suq u ta' inċertezza estrema.  #4

L-Ombudsman ikkonkludiet li l-BĊE kien korrett li ma żvelax l-ittra fl-2011, meta l-ġurnalista talab li jara. F'dak iż-żmien, l-UE kienet għaddejja minn kriżi finanzjarja. Madankollu, kienu għaddew aktar minn tliet snin minn meta l-Bank baġat l-ittra. Fl-aħħar, [il-BĊE osserva r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman](#) biex jiżvela l-ittra. L-Ombudsman enfasizzat li l-kriżi ekonomika kkawżat tbatija kbira għall-poplu Irlandiż, u li ċ-ċittadini għandhom id-dritt ikunu jafu l-verità, irrilevanti minn kemm tkun spjaċevoli. Hija għadha taħdem mal-BĊE biex itejjeb il-politiki u l-prattiki tiegħu fl-oqsma tat-trasparenza u l-etika. ▶ #2

F'każ ieħor relatat mat-trasparenza, riċerkatur Ġermaniż ilmenta mal-Ombudsman wara li l-Kummissjoni rrifjutat li tagħtih aċċess sħiħ għal proposta għal regolament ġdid dwar il-Politika Komuni tas-Sajd. Il-Kummissjoni argumentat li l-iżvelar sħiħ idgħajef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha.  #5

Fl-aħħar, [il-Kummissjoni segwiet ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman](#) biex tirrilaxxa d-dokumenti, għalkemm dan seħħ biss wara li kien intlaħaq qbil dwar ir-riforma tal-Politika. L-Ombudsman laqgħet dan l-eżitu filwaqt li għamlitha ċara li fil-każijiet futuri, hi tistenna li l-Kummissjoni tagħti aċċess għal dokumenti simili b'mod immedjat.

2.2 Trasparenza fil-lobbying

B'ritmu mgħagħġel Brussell qed issir it-tieni l-aktar ċentru importanti ta' lobbying fid-dinja, wara Washington. Għaldaqstant, mingħajr ebda sorpriża, il-ħidma tal-Ombudsman fl-2014 iffoka dejjem aktar fuq it-trasparenza fl-attivitàjiet ta' lobbying.

F'dan il-kuntest, l-Ombudsman fetħet tliet investigazzjonijiet strateġiċi fuq inizjattiva proprja, tnejn minnhom b'rabta man-negozjati li għaddejjin dwar is [Sħubija Transatlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment](#) (TTIP). Il-Kummissjoni Ewropea qed tinnegozja l-ftehim f'isem l-Unjoni, fuq mandat mogħti mill-[Kunsill tal-UE](#). Jekk jiġi konkluż, il-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti se joħloq l-akbar żona ta' kummerċ ħieles fl-istorja. It-TTIP se jsawwar regoli u standards futuri f'oqsma bħas-sikurezza tal-ikel, il-karozzi, is-sustanzi kimiċi, il-farmaċewtiċi, l-enerġija, l-ambjent, u l-post tax-xogħol.

F'Lulju, l-Ombudsman bdiet tinvestiga r-rifjut mill-Kunsill tal-UE li jirrilaxxa d-direttivi li l-UE qed tuża biex tinneogzja t-TTIP. Hija bdiet ukoll tindaga dwar il-passi li l-Kummissjoni kienet qiegħda tieħu biex tiżgura l-parteċipazzjoni trasparenti u pubblika fin-negozjati tat-TTIP. Aktar kmieni, l-Ombudsman ressqet, lill-Kummissjoni Ewropea, miżuri li setgħet tieħu biex tippermetti aċċess pubbliku f'waqtu għad-dokumenti tat-TTIP, u dettalji ta' laqgħat mal-partijiet ikkonċernati. Kien hemm tħassib dwar rifjut biex jiġu żvelati dokumenti, l-iżvelar mhux awtorizzat ta' dokumenti, id-dewmien, u li ċerti partijiet ikkonċernati apparentement kienu qed jirċievu aċċess privileġġat għad-dokumenti tat-TTIP. [#6](#) [#7](#)

F'Ottubru, [il-Kunsill ippubblika d-direttivi](#) inkwistjoni. Ftit żmien wara, [il-Kummissjoni ħabbret il-pjanijiet tagħha li żżid it-trasparenza](#) fil-lobbying, fejn wiegħdet li tagħti aċċess usa' għal dokumenti oħrajn tat-TTIP. L-Ombudsman laqgħet dawn il-passi u ħabbret proposti dwar kif għandha tissaħħaħ aktar it-trasparenza tan-negozjati tat-TTIP. [#3](#)



L-investigazzjoni fuq inizzjattiva proprja tal-Ombudsman Ewropew fir-rigward taż-żieda fit-trasparenza tat-TTIP 2014.
<http://europa.eu/!UW98Fq>

It-tielet investigazzjoni tikkonċerna l-[kompożizzjoni u t-trasparenza ta' mijiet ta' gruppi ta' esperti](#), li fuqhom il-Kummissjoni toqgħod biex tabbozza l-leġiżlazzjoni u l-politika, li jkopru l-oqsma li jvarjaw minn servizzi fiskali u bankarji, għas-sikurezza stradali u l-farmaċewtiċi. L-Ombudsman l-ewwel wettqet konsultazzjoni pubblika biex tidentifika kemm ir-rappreżentazzjoni tal-oqsma rilevanti ta' kompetenza u ta' interess hija bbilanċjata fil-gruppi differenti, jekk il-ħatra ta' membri "f'kapacià personali" hijiex problematika, u jekk il-gruppi jaħdmux b'mod kemm jista' jkun trasparenti. [#8](#)

Ta' interess partikolari huwa d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Agricoltura (DG AGRI). Dan qed jistabbilixxi 14-il grupp ta' dialogu ċivili biex iservu bħala korpi konsultattivi għall-Politika Komuni Agrikola. L-UE tonfoq aktar minn terz tal-baġit tagħha fuq dan il-qasam ta' politika kruċjali. Għaldaqstant, l-Ombudsman qiegħda tinvestiga l-kompożizzjoni ta' dawn il-gruppi, biex tiggarantixxi rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' din il-firxa wiesgħa ta' gruppi ta' interess ekonomiċi u mhux ekonomiċi.



The Consumer Voice

One step closer to transparency in [#TTIP](#): [@EUombudsman](#) asks Council and Commission to publish more [#TTIP](#) documents bit.ly/1xDudD8

Pass eqreb lejn it-trasparenza fit-TTIP: L-Ombudsman Ewropew titlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jippubblikaw aktar dokumenti tat-TTIP.



EU TTIP Team

[@YiorgosVa](#) [@EUombudsman](#) [@foeeurope](#) we agree that the mandate should be published, too. Thx to [@EUombudsman](#) to recognise our hitherto effort

Naqblu li l-mandat għandu jiġi ppubblikat ukoll. Grazzi għall-Ombudsman Ewropew għar-rikonoxximent tal-isforz tagħna s'issa.



TI EU Office

.TI_EU input published on [@EUombudsman](#) consultation on expert groups bit.ly/1o5OAVd

L-input tat-Transparency International tal-UE ppubblikat fil-konsultazzjoni tal-Ombudsman Ewropew dwar il-gruppi ta' esperti.



Frans Timmermans

L-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għar-Regolamentazzjoni Aħjar, Relazzjonijiet Interistituzzjonali, l-Istat tad-Dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

L-Ombudsman hija involuta wkoll fid-dibattitu dwar ir-[Reġistru ta' Trasparenza](#) tal-UE, stabbilit biex jagħmel it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE aktar trasparenti, u biex iċ-ċittadini jkunu jafu min qed jipprova jinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. Il-Parlament u l-Kummissjoni jmexxu r-Reġistru b'mod konġunt. Kumpaniji, konsulenzi professjonali, konsulenti li jaħdmu għal rashom, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, istituzzjonijiet akkademiċi, NGOs, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw komunitajiet reliġjużi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw awtoritajiet lokali, reġjonali u muniċipali, u oħrajn li qed jagħmlu lobbying fl-istituzzjonijiet tal-UE, jistgħu jirreġistraw volontarjament. Aktar minn 7 000 organizzazzjoni huma elenkati fir-Reġistru.


L-Ombudsman faħħret lil Frans Timmermans, l-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għar-Regolamentazzjoni Aħjar, Relazzjonijiet Interistituzzjonali, l-Istat tad-Dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, għall-pjanijiet tiegħu biex jaħdem favur Reġistru obbligatorju. Hija laqgħet ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Diċembru 2014, li tobbliga lill-Membri kollha tal-Kummissjoni u l-uffiċjali għolja li jipubblikaw il-kuntatti u l-laqqgħat kollha mal-partijiet ikkonċernati u l-lobbyists fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni. Madankollu, l-Ombudsman, finalment trid tara r-Reġistru ta' Trasparenza mnaqqax fil-liġi, u ma jibqax ftehim interistituzzjonali sempliċi. Barra minn hekk, hija [ħeġġet lill-Kunsill biex jipparteċipa fir-Reġistru](#), u ħeġġet lill-Kummissjoni tintroduċi inċentivi aktar b'saħħithom għal-lobbyists biex jirreġistraw, f'konformità mal-prattika tal-Parlament.

2.3 Trasparenza tad-data ta' provi kliniċi

Fl-2014, l-Ombudsman kellha rwol ewlieni fil-qasam tat-trasparenza tad-data ta' provi kliniċi billi tat l-għajjnuna biex titfassal il-politika tat-trasparenza proattiva tal-[Aġenzija Ewropea għall-Mediċini](#) (EMA), li hija adottat f'Ottubru.


Fl-aħħar ħames snin, l-Ombudsman għamlet aktar minn tnax-il investigazzjoni dwar ir-rifjut tal-EMA li tiżvela d-dokumenti dwar kif hija tirregola l-mediċini u tawtorizza t-tqegħid tagħhom fis-suq, inklużi dawk għat-trattament tal-isklerożi multipla, l-akne, l-infezzjonijiet batteriċi, u l-obezià. Bi tweġiba għall-intervent tal-Ombudsman, l-EMA dehret lesta li tadotta approċċ proattiv favur it-trasparenza, u fl-2012, ħabbret politika ġdida, li tagħti l-aċċess pubbliku l-aktar wiesa' possibbli għad-data tal-provi kliniċi.

Madankollu, fl-2014, l-Ombudsman [esprimiet it-tħassib tagħha](#) meta l-Aġenzija dehret li qed titbiegħed minn dak li wiegħdet billi ppjanat li timponi rekwiżiti stretti ta' kunfidenzjalità, tillimita l-aċċess għal wiri fuq "skrin biss", u tirrestrinġi b'mod wiesa'

L-użu tad-data tal-provi kliniċi. Eventwalment l-EMA warrbet il-politika tal-“iskrin biss”. Għaldaqstant, għalkemm b’xi riżervi, l-Ombudsman laqgħet id-deċiżjoni tal-Aġenzija f’Ottubru 2014 li b’mod proattiv tippubblika r-rapporti dwar studji kliniċi li huma l-bażi tad-deċiżjonijiet meħuda dwar il-mediċini minn Jannar 2015. L-Ombudsman se tkompli tissorvelja mill-qrib kif l-EMA tagħmel id-data tal-provi kliniċi disponibbli, u biex tiżgura li din tissodisfa l-oġġettivi ta’ trasparenza.  #9

L-Ombudsman laqgħet ukoll ir-Regolament ġdid dwar il-Provi Kliniċi tal-UE, li jesiġi li l-informazzjoni dwar il-provi kliniċi jkunu disponibbli, u eventwalment aċċessibbli elettronikament. Hija ferret lill-Parlament, b’mod partikolari, lil Glenis Willmott, MPE, u x-shadow rapporteurs, għat-tmexxija b’suċċess tal-leġiżlazzjoni lejn eżitu ferm pożittiv.

L-Ombudsman iddedikat l-avveniment tradizzjonali tagħha “Jum Internazzjonali dwar id-Dritt għall-Għarfien” favur it-trasparenza tad-data tal-provi kliniċi. Dan kien intitolat: **“It-trasparenza u s-saħħa pubblika – kemm hija aċċessibbli d-data xjentifika?”**

L-avveniment sar fid-29 ta’ Settembru fil-Parlament fi Brussell. Dan għabar flimkien ir-rappreżentanti tal-EMA, il-Kummissjoni, il-Parlament, konsulenti dwar l-affarijiet pubbliċi, professjonisti legali, l-industrija, NGOs, ġurnalisti, riċerkaturi, u attivisti, biex b’kolloxx attira madwar 150 parteċipant. ▶ #4  #1



L-Avveniment “Jum Internazzjonali dwar id-Dritt għall-Għarfien” tal-Ombudsman Ewropew 2014. <http://europa.eu/TJ64cN>

2.4 Id-drittijiet fundamentali

Fil-qasam tal-obbligi tal-amministrazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali, l-Ombudsman fetħet żewġ investigazzjonijiet strateġiċi ewlenin fuq inizjattiva proprja fl-2014. **Waħda tirrigwarda l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-politika ta’ koeżjoni tal-UE.** L-Unjoni waqqfet din il-politika biex toħloq it-tkabbir u l-impjiegi, tindirizza t-tibdil fil-klima u d-dipendenza enerġetika, u tnaqqas il-faqar u l-esklużjoni soċjali fir-reġjuni inqas żviluppati fl-UE. Il-**Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej** (FSIE), li huma ġestiti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri b’mod konġunt, jikkofinanzjaw il-politika. L-allokkazzjoni tal-FSIE għall-2014-2020 ta’ aktar minn EUR 350 biljun tammonta għal aktar minn terz tal-baġit tal-UE għal dak il-perjodu.



Ben Goldacre

#AllTrials @EUombudsman asks European Medicines Agency to explain bizarre redactions in trial reports. Vital battle. ombudsman.europa.eu/en/cases/correspondence.faces/en/58319/html.bookmark ...

L-Ombudsman Ewropew titlob lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini biex tispjega l-editjar stramb fir-rapporti tal-provi. Battalja vitali.



Storify



It-trasparenza u s-saħħa pubblika: Kemm hija aċċessibbli d-data xjentifika?

L-Avveniment “Jum Internazzjonali dwar id-Dritt għall-Għarfien” huwa ċelebrat fid-dinja kollha mill-aċċess għal avukati ta’ informazzjoni. Din is-sena, l-Ombudsman Ewropew, Emily O’Reilly, eżaminat il-kwistjoni ta’ kif data xjentifika trasparenti hija għall-benefiċċju tal-pazjenti, tat-tobba, u tar-riċerkaturi.



#10



ERA Campaign

Excellent initiative by [@EUombudsman](#) to investigate EU cohesion funds spend via a vis respect for fundamental rights ombudsman.europa.eu/en/press/release/en/54420/html.bookmark ...

Inizjattiva eċċellenti mill-Ombudsman Ewropew biex tinvestiga l-infiq tal-fondi ta' koeżjoni tal-UE fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet fundamentali.

Xi wħud minn dawn il-fondi huma mistennija li jgħinu lill-membri l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà, iżda tqajmu mistoqsijiet dwar ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-politika. Pereżempju, il-flus qegħdin jintużaw biex jiġu “istituzzjonalizzati” persuni b’diżabilità minflok jgħinu biex jiġu integrati? F’din l-investigazzjoni, l-Ombudsman staqsiet: il-Karta kif qed tiġi applikata fl-implimentazzjoni; tista’ l-Kummissjoni timponi sanzjonijiet fuq Stati Membri li jonqsu milli jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali; u tista’ l-Kummissjoni tissospendi l-finanzjamenti jew tirkupra fondi li jintefqu bi ksur ta’ dawn id-drittijiet? Barra minn hekk, l-Ombudsman stiednet il-kollegi tagħha fin-[Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen](#) u korpi oħrajn tal-protezzjoni tad-drittijiet biex jagħmlu osservazzjonijiet dwar is-suġġett. ► #5 [#10](#)



Investigazzjoni fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman Ewropew dwar ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fil-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-2014. <http://europa.eu/!Fw47bQ>

Bejn l-2006 u l-2014, l-UE ġiegħlet madwar 13-il elf migrant mhux tal-UE mingħajr permess li jibqgħu fit-territorju tal-UE biex imorru lura fil-pajjiżi ta’ oriġini tagħhom. L-[Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-UE](#) (Frontex) tikkordina u tikkofinanzja operazzjonijiet konġunti ta’ ritorn (JROs) b’kooperazzjoni mal-Istati Membri. Fl-2013, l-Ombudsman appellat lill-aġenzija biex tistabbilixxi mekkaniżmu tal-ilmenti għal ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali li jkun ġej mill-ħidma tagħha.

L-Ombudsman segwiet il-ħidma tagħha f’dan il-qasam importanti fl-2014 billi evalwat [kif il-Frontex tiżgura rispett għall-benessri ta’ persuni ripatrijati matul it-titjiriet](#), pereżempju dawk li huma morda jew fi tqala avvanzata. Barra minn hekk hija trid tkun taf kif tista’ tiġi ggarantita s-sorveljanza matul it-titjiriet, u kif jiġi implimentat il-Kodiċi ta’ Kondotta tal-Frontex għall-JROs. Peress li l-ombudsmen huma fost il-korpi nazzjonali ta’ sorveljanza li jikkooperaw mal-Frontex fil-JROs, l-Ombudsman ukoll talbithom informazzjoni bbażata fuq l-esperjenza tagħhom.

2.5 Kwistjonijiet etiċi

Fl-2014, l-Ombudsman indirizzat għadd sostanzjali ta' lmenti relatati ma' kwistjonijiet etiċi, bħall-kunflitt ta' interess u l-prattika ta' "bibien li jduru" fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. It-terminu "bibien li jduru" jintuża biex jiddeskrivi moviment mill-persunal tas-settur pubbliku għal impjegi marbutin mill-qrib fis-settur privat, jew viċeversa.

L-Ombudsman ripetutament enfasizzat li l-amministrazzjoni tal-UE għandha taderixxi ma' "standards tad-deheb" fir-rigward tal-imġiba etika. F'dan ir-rigward, l-Ombudsman għamlet żewġ investigazzjonijiet strateġiċi.

L-ewwel waħda [tikkonċerna l-mod kif il-Kummissjoni tindirizza każijiet ta' "bibien li jduru"](#). L-Ombudsman investigat ilmenti minn ħames NGOs u spezzjonat 54 fajl ta' "bibien li jduru" tal-Kummissjoni. Hija sabet diversi nuqqasijiet. Ma kienx dejjem ċar jekk l-uffiċjali li se jtilqu pprovdewx lill-Kummissjoni b'dettalji suffiċjenti biex jinformatu b'mod sħiħ id-deċiżjonijiet tagħha, u lanqas kif il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti mis-servizzi tagħha. B'mod partikolari, l-Ombudsman tat parir lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-mod kif tittratta każijiet ta' "bibien li jduru" biex jiġi evitat il-kunflitt ta' interess u l-erożjoni tal-fiduċja tal-pubbliku. Hija talbet ukoll lill-Kummissjoni biex tippubblika każijiet ta' "bibien li jduru" ta' uffiċjali għolja tal-UE fuq is-sit elettroniku tagħha. [#11](#)

L-Ombudsman talbet informazzjoni minn disa' istituzzjonijiet tal-UE, inklużi l-Kummissjoni, il-Parlament, u l-Kunsill, [dwar ir-regoli tagħhom biex jipproteġu l-informaturi](#). Dak iż-żmien, il-Kummissjoni biss kellha linji gwida dwar żvelar ta' informazzjoni protetta, iżda l-ebda regola interna. Minn Jannar 2014, ir-Regolamenti tal-Persunal jeħtieġu li l-istituzzjonijiet tal-UE jintroduċu regoli interni dwar żvelar ta' informazzjoni protetta. L-Ombudsman trid tkun taf sa liema punt l-istituzzjonijiet ikkonsultaw lill-persunal u lill-pubbliku dwar dawn ir-regoli, u kif jipproteġu informaturi esterni bħal kuntratturi jew subkuntratturi fil-programmi u l-proġetti ffinanzjati mill-UE. Biex tkun ta' eżempju, l-Ombudsman abbozzat regoli interni dwar żvelar ta' informazzjoni protetta, f'kooperazzjoni mal-kumitat tal-persunal tal-uffiċċju tagħha u mal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data. Hija ppubblikathom, u stiednet lill-partijiet interessati kollha jibagħtu r-reazzjonijiet tagħhom. [#12](#)



#11



CEO

NGOs welcome
[@EUombudsman](#) ruling:
[#EU](#) Commission should
 introduce [#transparency](#) about
 senior [#revolvingdoors](#) cases
tinyurl.com/ohkx37j

L-NGOs jilqgħu d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew: Il-Kummissjoni Ewropea għandha tintroduċi trasparenza dwar każijiet ta' "bibien li jduru" ta' uffiċjali għolja.



#12



EurActiv

"Whistleblowers play a
 key role in uncovering
 serious irregularities,"
[@EUombudsman](#) says:
ow.ly/zH1yC - [#corruption](#)
[#fraud](#) [#EU](#)

"L-informaturi għandhom rwol ewlieni fl-iskoperta ta' irregolaritajiet serji", issostni l-Ombudsman Ewropew.



#13



Philippe Wagner

great initiative from [@EUombudsman](#), opening an inquiry into the functioning of the [#ECI](#) procedure & [@EU_Commission](#)'s role/responsibility

Inizjattiva kbira mill-Ombudsman Ewropew, bil-ftuħ ta' investigazzjoni dwar il-funzjonament tal-proċedura tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u r-rwol/responsabilità tal-Kummissjoni Ewropea.



#14



ECI Campaign

Strong words on the future of [#ECI](#) from [@EUombudsman](#): [ombudsman.europa.eu/en/activities/speech.faces/en/58542/html.bookmark ...](http://ombudsman.europa.eu/en/activities/speech.faces/en/58542/html.bookmark...)

Kliem b'saħħtu dwar il-futur tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej mill-Ombudsman Ewropew.

2.6 Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE

L-Ombudsman irċeviet għadd dejjem jikber ta' lmenti fil-qasam tad-drittijiet taċ-ċittadini, b'mod speċjali d-dritt għall-parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. Dawn jinkludu [l-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni](#), u [l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej \(ECI\)](#). Miljun ċittadin minn tal-anqas seba' Stati Membri jistgħu jitolbu li [l-Kummissjoni](#) tibda leġiżlazzjoni tal-UE permezz tal-ECI. Barra minn hekk, it-Trattat ta' Lisbona jirrikjedi li l-istituzzjonijiet iżommu "djalogu miftuħ u regolari mas-soċjetà ċivili".

L-ECI bdiet topera fl-2012, u fl-2013 kienet ippreżentata lill-Kummissjoni l-ewwel inizjattiva magħrufa bħala Right2Water. L-inizjattiva pproponiet leġiżlazzjoni ġdida tal-UE biex titlob lill-awtoritajiet nazzjonali jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom ilma tax-xorb suffiċjenti u nadif u s-sanità.

Fl-2014, l-Ombudsman, [stiednet l-organizzaturi tal-ECI](#), [l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili](#), u [persuni interessati oħra](#) tbiex jagħtu r-reazzjonijiet tagħhom dwar l-ECI. B'mod speċifiku, l-Ombudsman trid tkejjel l-effikaċja tas-software tal-Kummissjoni għal għir tal-firem elettronikament biex jiġi ddeterminat jekk humiex biżżejjed il-kuntatti bejn l-organizzaturi tal-ECI u l-awtoritajiet nazzjonali, u jekk il-proċess jikkunsidrax it-tħassib dwar il-privatezza. L-Ombudsman stiednet ukoll ideat dwar bidliet futuri possibbli għar-Regolament tal-ECI. [#13](#) [#14](#)

F'Marzu, fit-thejġja għall-elezzjonijiet tal-Parlament, l-Ombudsman [stiednet liċ-ċittadini għall-avveniment interattiv](#) "Il-lista ta' xewqat tiegħek għall-Ewropa". Magħha ngħaqdu Martin Schulz, President tal-Parlament Ewropew, u José Manuel Barroso, il-President tal-Kummissjoni Ewropea ta' dak iż-żmien, biex jisinġu u jidħlu fi djalogu maċ-ċittadini. Bħala gwardjan tal-UE eletta biex tiżgura amministrazzjoni tajba fl-Ewropa, l-Ombudsman trid tiżgura li l-Ewropa tissodisfa d-dikjarazzjoni tagħha li tqiegħed liċ-ċittadini fil-qalba tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Aktar minn 300 ruħ attendew għall-avveniment, li xxandar live bl-Internet. Il-mistoqsijiet u s-suġġerimenti li l-parteċipanti ppreżentaw lill-panil, direttament jew permezz ta' tweeting, wasslu għal "lista ta' xewqat għall-Ewropa". [#6](#)



#6

L-avveniment "Il-lista ta' xewqat tiegħek għall-Ewropa" tal-2014 tal-Ombudsman Ewropew. <http://europa.eu/!xH39YR>

2.7 Proġetti u programmi ffinanzjati mill-UE

Kull sena, l-Ombudsman tirċievi numru kbir ta' lmenti minn kumpaniji, NGOs, universitajiet, muniċipalitajiet, u entitajiet ġuridiċi oħrajn involuti fi proġetti u programmi ffinanzjati mill-UE. Dawn l-ilmenti jirrigwardaw prinċipalment ħlas tard, tilwimiet kuntrattwali, problemi b'sejħiet għall-offerti, u nuqqas ta' trasparenza, l-aktar minħabba r-rifjut tal-istituzzjonijiet tal-UE li jagħtu aċċess għal dokumenti jew informazzjoni.

L-Ombudsman, pereżempju, ikkritikat lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) talli approva l-esklużjoni ta' kumpanija Taljana minn offerta pubblika għall-kostruzzjoni ta' pont fuq ix-Xmara Sava fil-Bosnja-Ħerzegovina. Il-kostruzzjoni hija parti minn proġett ta' awtostrada aktar kbira li tgħaqqad il-Kroazja mal-Bosnja-Ħerzegovina. Minkejja s-sottomissjoni tal-orħos offerta, il-promotur tal-proġett lokali eskluda l-kumpanija għal raġunijiet li l-offerta tagħha ma kinitx taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. [g+ #1](#)

Il-kumpanija kkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-BEI, li qabel mal-argumenti tal-kumpanija, u rrakkomanda li l-BEI jirtira l-appoġġ tiegħu għall-proġett. Madankollu, l-amministrazzjoni tal-Bank injorat is-sejbiet tal-mekkaniżmu tal-ilmenti tiegħu. L-Ombudsman sab li l-amministrazzjoni tal-BEI kienet ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dokumenti tal-offerta. [Hija kkritikat il-bank għal din l-amministrazzjoni ħażina](#), u wissiet li l-każ jista' jqajjem dubju dwar l-impenn tal-UE għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt fil-Bosnja-Ħerzegovina.

F'każ ieħor, kumpanija Taljana kisbet għotja ta' EUR 4 miljun mill-[Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni \(EACI\)](#) għat-trasport taċ-ċeramika mill-Italja lejn Spanja, b'mod aktar ekoloġiku milli bit-triq. Madankollu, minħabba l-kriżi ekonomika globali u t-tnaqqis immedjat li rriżulta fis-suq tad-djar Spanjol, id-domanda għaċ-ċeramika Taljana naqset b'mod drastiku. Il-kumpanija talbet li l-proġett jiġi sospiż, u l-EACI aċċettat. Minħabba li l-kumpanija damet ma tissottometti l-aħħar talba għall-ħlas tagħha, l-Aġenzija għall-bidu rrifjutat li tħallas. Wara l-intervent tal-Ombudsman, li s-sejbiet tagħha enfasizzaw kif il-kriżi ekonomika kienet affettwat ħażin il-proġett tal-kwerelant, l-Aġenzija fl-aħħar [ħallset EUR 2 miljun lill-kumpanija](#).

Matul is-sena, l-Ombudsman anke [għenet fir-riżoluzzjoni ta' tilwima](#) bejn organizzazzjoni karitatevoli Brittanika u l-[Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura \(EACEA\)](#). L-organizzazzjoni tal-karità implimentat proġett li l-EACEA kkofinanzjat, fil-kuntest tal-Programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni. L-Aġenzija rrifjutat li tapprova r-rapport finali tal-proġett tal-organizzazzjoni tal-karità, fejn sostniet li r-riżultati ma kinux

g+

#1

Ombudsman
Ewropew

[Stqarrija għall-Istampa]

L-Ombudsman Ewropew, Emily O'Reilly, ikkritikat lill-**Bank Ewropew tal-Investment (BEI)** talli approva l-esklużjoni ta' kumpanija Taljana minn offerta pubblika għall-kostruzzjoni ta' pont fuq ix-Xmara Sava fil-Bosnja-Ħerzegovina. Il-BEI, li qed jiffinanzja l-proġett, ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq żball legali u injora s-sejbiet tal-mekkaniżmu tal-ilmenti tiegħu stess li l-esklużjoni tal-kumpanija kienet illegali.



jikkorrispondu mal-proġett inizjali, u kompliet biex tirkupraw il-ħlasijiet ta' prefinanzjament li jammontaw għal kważi EUR 74 000. L-organizzazzjoni tal-karità ilmentat mal-Ombudsman li kien illegali u ingiust li l-EACEA tirkupra l-fondi. L-Ombudsman ikkonkludiet li l-irkupru kien tabilħaqq illegali minħabba li l-Aġenzija ma rrifjutatx il-proġett fil-ħin. Finalment, l-Aġenzija aċċettat il-proposti tal-Ombudsman u impenjat ruħha li tħallas lill-kwerelant madwar EUR 50 000, u imgħax għal ħlas tard.

B'mod regolari, l-Ombudsman tikkonsulta mal-komunità kummerċjali dwar id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom fir-relazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE. Konsultazzjoni bħal din, intitolata: *"Lil hinn mill-kriżi? In-Negożju fl-Ewropa"*, iddiskutiet x'qiegħed isir fil-livell tal-UE biex jiġu megħjuna intrapriżi żgħar, medji u ta' daqs kbir. L-avveniment sar fi Frar fil-Parlament fi Brussell, u ġabar flimkien esperti ta' livell għoli, u li attira b'kollox madwar 100 parteċipant. Il-fuljett *L-Ombudsman Ewropew – Ta' għajjnuna għan-negożjanti*, mogħti lill-parteċipanti, jippreżenta b'mod konċiż għażla ta' każijiet sinifikanti li l-Ombudsman ittrattat, b'riżultati pożittivi. ►#7




L-avveniment "Lil hinn mill-kriżi? In-Negożju fl-Ewropa" tal-2014.
<http://europa.eu/!HT36tm>

2.8 Il-politika dwar il-kompetizzjoni tal-UE

Fl-2014, l-Ombudsman indirizzat ukoll ilmenti minn kumpaniji u entitajiet ġuridiċi oħrajn li jikkonċernaw investigazzjonijiet dwar antitrust u każijiet oħrajn relatati mal-politika tal-kompetizzjoni tal-Kummissjoni.

Il-kumpanija Ġermaniża [Infineon](#) għamlet ilment bħal dan. Il-Kummissjoni kienet qed tinvestigaha fl-investigazzjoni dwar il-kartell taċ-ċipep tas-smart cards, flimkien ma' [Philips](#), [Samsung](#), u [Renesas](#), u eventwalment immultathom talli kienu membri tal-kartell. Il-Kummissjoni kellha kopja elettronika ta' ittra elettronika interna ta' kompetitur li hija allegat kienet prova kruċjali fil-każ Infineon. Il-kumpanija talbet biex tara d-dokument, peress li hija kellha dubju fl-awtentiċità tiegħu. Il-Kummissjoni ma rrilaxxatx l-ittra elettronika sa f'tit aktar minn xahar qabel immultat il-kartell, meta fil-fatt hija kellha fil-pussess tagħha l-ittra elettronika għal sitt xhur. Infineon ilmentat mal-Ombudsman

li minħabba dan id-dewmien kien baqgħalha biss ġimgħa biex twettaq il-ħidma kumplessa li tanalizza l-ittra elettronika għall-awtentiċità. L-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dewmien ma kkonvinċitx lill-Ombudsman, u hija [kkritikat l-imġiba tal-Kummissjoni](#).  [#15](#)



#15

**A&O Antitrust Group**

Infineon's access to rival's email in smart card chips [#cartel](#) probe: [@EUombudsman](#) criticises [@EU_Commission](#) delay goo.gl/k5NC7K

L-aċċess ta' Infineon għall-ittra elettronika tar-rivali tagħha fl-investigazzjoni tal-kartell taċ-ċipep tas-smart cards: L-Ombudsman Ewropew tikkritika d-dewmien tal-Kummissjoni Ewropea.



Kapitolu 3

Kemm ilmenti?

23072

Ċittadini meġhuna
mill-Ombudsman Ewropew
fl-2014

19170

Pariri mogħtija permezz
tal-Gwida Interattiva
fuq is-sit elettroniku
tal-Ombudsman

2079

Ilmenti
rreġistrati
fl-2014


1823

Talbiet għal
informazzjoni mwiegħba
mis-servizzi
tal-Ombudsman



325

Investigazzjonijiet
miftuħa fuq il-bażi
tal-ilmenti



17

Investigazzjonijiet
fuq inizjattiva proprja
miftuħa

387

Investigazzjonijiet
ibbażati fuq l-ilmenti
magħluqa



13

Investigazzjonijiet
fuq inizjattiva proprja
magħluqa


342

Investigazzjonijiet miftuħa
mill-Ombudsman Ewropew fl-2014


400

Investigazzjonijiet magħluqa
mill-Ombudsman Ewropew fl-2014


**Numru ta' Imenti
skont il-mandat tal-
Ombudsman Ewropew
2003–2014**




**Numru ta' Imenti
barra mill-mandat
tal-Ombudsman
Ewropew 2003–2014**




**Sors ta' Imenti
f'investigazzjonijiet
magħluqa mill-Ombudsman
Ewropew fl-2014**



52
Kumpaniji,
assoċjazzjonijiet, u
entitajiet ġuridiċi oħrajn




335
Ċittadini individwali






Orìgini nazzjonali tal-ilmenti rreġistrati u investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman Ewropew fl-2014





L-investigazzjonijiet immexxija mill-Ombudsman Ewropew fl-2014 ikkonċernaw l-istituzzjonijiet li ġejjin



Nota: L-Ombudsman fetħet investigazzjoni waħda fl-2014 fuq inizjattiva proprja b'konnessjoni ma' aktar minn istituzzjoni waħda. Għaldaqstant, il-perċentwali t'hawn fuq jammontaw għal total ta' aktar minn 100 %.



Kapitolu 5 Dwar xiex?

Suġġett tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2014

Talbiet għal informazzjoni u aċċess għad-dokumenti (Trasparenza)

86 21.5 %

Il-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati¹

77 19.3 %

Proċeduri ta' kompetizzjoni u ta' għażla (inklużi l-apprendisti)

77 19.3 %

Kwistjonijiet istituzzjonali u ta' politika²

64 16.0 %

Amministrazzjoni u Regolamenti tal-Persunal

45 11.3 %

Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet

33 8.3 %

Eżekuzzjoni ta' kuntratti

24 6.0 %

Nota: F'xi każijiet, l-Ombudsman għalqet l-investigazzjonijiet b'żewġ suġġetti jew aktar. Għaldaqstant, il-perċentwali t'hawn fuq jammontaw għal total ta' aktar minn 100 %.

¹ L-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrikjedi li l-Kummissjoni "għandha tissorvelja l-applikazzjoni tat-Trattati kif ukoll tal-miżuri adottati mill-Istituzzjonijiet skont dawn it-Trattati".

² Dan it-titolu jkopri firxa ta' lmenti magħmula kontra l-istituzzjonijiet rigward l-attivitajiet tagħhom ta' tfassil tal-politika jew il-funzjonament ġenerali tagħhom.



Kapitolu 6

Ir-riżultati miksba

Azzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew dwar l-ilmenti li ġew riċevuti fl-2014



Riżultati tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2014

Solvuti mill-istituzzjoni jew inkella ntlaħqet soluzzjoni bonarja



Ma kienx hemm ġustifikazzjoni għal aktar investigazzjonijiet



Ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina



Tinstab amministrazzjoni ħażina



Oħrajn




Nota: F'xi każijiet, l-Ombudsman għalqet l-investigazzjonijiet minħabba żewġ raġunijiet jew aktar. Għaldaqstant, il-perċentwali t'hawn fuq jammontaw għal total ta' aktar minn 100 %.




Investigazzjonijiet fejn instabet amministrazzjoni ħażina mill-Ombudsman Ewropew fl-2014



Evoluzzjoni fin-numru ta' investigazzjonijiet mill-Ombudsman Ewropew



Tul tal-investigazzjoni tal-każijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2014



³ Xi każijiet kumplessi jirrikjedu bosta sensiliet ta' konsultazzjoni mal-kwerelant u l-istituzzjoni kkonċernata. B'dan il-mod, l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew mhux jistabbilixxi l-fatti, iżda wkoll jipprova jilħaq soluzzjoni li tkun aċċettabbli għaż-żewġ partijiet.



Kemm it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprovdu għad-dritt li wieħed jilmenta mal-Ombudsman Ewropew. It-TFUE jagħti s-setgħa lill-Ombudsman li tirċievi lmenti minn kull ċittadin tal-Unjoni, jew kull persuna naturali jew ġuridika residenti jew li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni.

L-Ombudsman tiżgura li s-servizz ta' lment mingħajr hłas ikun ġust, trasparenti, u sempliċi kemm jista' jkun. Kwerelanti jistgħu jressqu l-ilment tagħhom lill-Ombudsman bi kwalunkwe mezz ta' korrispondenza bil-miktub, inkluż permezz ta' formola ta' lment sigura fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman. L-Ombudsman tfittex li ttiprovdi malajr l-ewwel tweġiba billi fi żmien erba' ġimgħat tinforma lill-kwerelanti dwar dak li se tagħmel bl-ilment tagħhom.


L-Ombudsman teżamina kull ilment fuq il-merti tagħha stess. Dan jinkludi l-ilmenti li kellha tirrifjuta għax jaqgħu barra mill-mandat tagħha. Meta jiġri dan, il-kwerelanti jirċievu tweġiba individwalizzata, li f'ħafna każijiet tkun tinkludi parir dwar korpi oħrajn li jistgħu jkunu ta' għajjnuna lill-kwerelant. L-Ombudsman tista' tiddeċiedi wkoll li tittrasferixxi l-ilmenti lil korpi oħrajn bħal dawn.

Ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman huma ttrattati l-ewwel nett mill-persunal legali speċjalizzat tagħha. Kull kwerelant jiġi assenjat persuna speċifika li tiġġestixxi l-każ bħala persuna ta' kuntatt.

Kull meta tikkonkludi li lment ġdid ma jissodisfax il-kriterji ta' ammissibbiltà, jew li m'hemmx biżżejjed raġunijiet biex jinfetaħ ilment ammissibbli ieħor, l-Ombudsman tispjega d-deċiżjoni tagħha u ttiprovdi parir kull meta jkun possibbli u xieraq.

Meta l-Ombudsman tkun tal-fehma li għandha tinfetaħ investigazzjoni, hija teżamina bir-reqqa l-ilmenti tal-kwerelant, sabiex tiddetermina jekk dawn jistgħux jiġu solvuti permezz ta' proċedura simplifikata, bħal pereżempju investigazzjoni bit-telefon. Hija tista' wkoll tiddeċiedi li tiftaħ investigazzjoni ta' spezzjoni għal spezzjoni ta' malajr tal-fajls u konklużjoni simili fil-pront fuq il-merti tal-każ.

Investigazzjonijiet fuq skala sħiħa huma neċessarji meta l-ilment huwa kumpless, jew meta jeħtieġ b'mod ċar il-kontribut ta' servizzi speċjalizzati varji tal-istituzzjoni kkonċernata.






Bosta għażliet huma disponibbli għall-Ombudsman, jekk issib li l-kwerelant għandu raġun. Hija tista' tipproponi soluzzjoni bonarja li tkun tissodisfa lill-kwerelant, jew toħroġ abbozz ta' rakkomandazzjoni li fih titlob lill-istituzzjoni biex tikkoreġi l-amministrazzjoni ħażina. Jekk ma jkunx possibbli li tinstab soluzzjoni, l-Ombudsman tista' tiddeċiedi li toħroġ rimarki kritiċi. L-Ombudsman għandha wkoll is-setgħa li tiftaħ investigazzjonijiet fuq inizzjattiva proprja. Bl-użu ta' din is-setgħa, l-Ombudsman tista' tinvestiga dawk li jidhru bħala problemi sistemiċi fl-istituzzjonijiet tal-UE. Barra minn hekk, l-Ombudsman tista' tuża din is-setgħa biex tinvestiga każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina li persuni barra mill-Unjoni Ewropea jressqu għall-attenzjoni tagħha. Kull sena, l-Ombudsman Ewropew tirċievi eluf ta' lmenti minn ċittadini, NGOs, negozji, u organizzazzjonijiet oħrajn. Il-persunal tal-Ombudsman jiżgura li kull ilment jiġi ttrattat malajr, b'mod diliġenti, u b'mod li joffri servizz tajjeb.



Kapitolu 8

Konformità mal-proposti tal-Ombudsman

Kull sena, l-Ombudsman jippubblika rendikont komprensiv ta' kif l-istituzzjonijiet tal-UE jirrispondu għall-proposti tal-Ombudsman biex titjeb l-amministrazzjoni tal-UE. Dawn il-proposti huma fil-forma ta' soluzzjonijiet bonarji, abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet, rimarki ulterjuri, rimarki kritiċi, u suġġerimenti.



Sal-lum, l-istituzzjonijiet kienu konformi ma' 80 % tal-proposti tal-Ombudsman. F'erba' każijiet minn kull ħamsa, l-istituzzjonijiet isegwu dak li l-Ombudsman titlobhom jagħmlu. Ir-rapport *Putting it Right? – How the EU institutions responded to the Ombudsman in 2013* jikkonferma din ix-xejra. Kif juri r-rapport, ir-rata ta' konformità tista' tvarja b'mod sinifikanti minn istituzzjoni għal oħra – minn 100 % f'xi każijiet, għal 25 % fl-aġar każ. Il-Kummissjoni, minħabba d-daqs tagħha fl-amministrazzjoni tal-UE, għandha l-ogħla proporzjon ta' investigazzjonijiet magħmula mill-Ombudsman. Fl-2013, ir-rata ta' konformità tagħha niżlet għal 73 %, minn 84 % fl-2012.

Ir-rapport juri li l-istituzzjonijiet għamlu xi titjib reali fl-oqsma li jvarjaw mill-etika għall-ambjent, u minn sejħiet għal offerti għat-trasparenza, għall-benefiċċju taċ-ċittadini. L-Ombudsman hija determinata li tiżgura, b'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, li r-rata ta' konformità tiżdied dejjem aktar.

Ir-rapport għall-2014 se jkun disponibbli fil-ħarifa tal-2015.



Kapitolu 9

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE

9.1 Parlament Ewropew



Emily O'Reilly ippreżentat ir-Rapport Annwali tagħha għall-2013 lil Martin Schulz fil-15 ta' Settembru 2014.

L-Ombudsman Ewropew tagħti importanza kbira lir-relazzjonijiet mal-[Parlament Ewropew](#). Matul l-2014, l-Ombudsman iltaqgħet ma' aktar minn 50 MPE mill-gruppi ewlenin kollha fuq bażi individwali dwar kwistjonijiet varji ta' interess reċiproku. Barra minn hekk, hija ltaqgħet ma' diversi delegazzjonijiet politiċi u nazzjonali, bħal pereżempju mill-[Kumitat għall-Petizzjonijiet](#) tal-Parlament Ewropew. Hija dehret quddiem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet.



#16



Beatriz Becerra

#Transparency, efficiency, EU institutions legitimacy: "The strength of [@EUombudsman](#) depends on relationship with [@Europarl_EN](#) [@EP_Petitions](#)"

It-trasparenza, l-effiċjenza, il-leġittimità tal-istituzzjonijiet tal-UE: "Is-saħħa tal-Ombudsman Ewropew tiddependi mir-relazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet."

9.2 Kumitat għall-Petizzjonijiet

L-Ombudsman għandha relazzjoni ta' ħidma mill-qrib mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, biex tgħin lill-UE tirreaġixxi bl-aħjar mod possibbli għat-tħassib taċ-ċittadini u r-residenti. Filwaqt li l-Ombudsman tindirizza lmenti kontra l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jindirizza petizzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-oqsma tal-attività tal-UE fl-Ewropa. Fl-2014, l-Ombudsman ħadmet mal-President il-ġdid, Cecilia Wikström, MPE, u l-gruppi politiċi kollha, biex jgħinu lill-UE taħdem aktar b'mod li toffri servizz tajjeb u aċċessibbli għaċ-ċittadini u r-residenti Ewropej ordinarji. [#16](#)

9.3 Kummissjoni Ewropea

Ir-relazzjoni tal-Ombudsman mal-Kummissjoni Ewropea hija ta' importanza, minħabba d-daqs tagħha fl-amministrazzjoni tal-UE u minħabba li hija s-suġġett tal-akbar numru ta' lmenti. Hija faħħret il-Kummissjoni l-għdida għall-isforzi tagħha biex ittejjeb it-trasparenza tal-ħidma tagħha, b'mod speċjali fil-kuntest tat-trasparenza fil-lobbying. Il-bini tar-relazzjonijiet hija waħda mill-prijoritajiet tal-Ombudsman fil-livelli kollha tal-Kummissjoni. Matul l-2014, l-Ombudsman iltaqgħet ma' diversi Diretturi u Kapijiet ta' Unità rilevanti tal-Kummissjoni. Il-laqgħat regolari ta' kull xahar fil-livell tad-diretturi komplew ukoll matul is-sena. L-Ombudsman tistenna bil-ħerqa laqgħat mal-President il-għdid tal-Kummissjoni fil-bidu tal-2015.

9.4 Istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-UE

Kulturi istituzzjonali u amministrattivi jistgħu jvarjaw fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji differenti tal-UE, u huwa importanti li jiġu żviluppati u miżmuma relazzjonijiet ta' ħidma sodi bejnhom u bejn l-Ombudsman. Fl-2014, l-Ombudsman iltaqgħet mal-Uffiċjal Kap tal-Operat tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, id-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, u l-President tal-Bank Ewropew tal-Investment, fost oħrajn. L-Ombudsman tuża dawn il-laqgħat biex tavvanza l-oġettivi strateġiċi tagħha għaż-żieda tar-rilevanza, l-impatt u l-viżibbiltà, u wkoll biex ikun żgurat li d-diversi istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE jilhqqu l-istandard tad-deheb ta' amministrazzjoni pubblika.

9.5 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà

L-Ombudsman tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti, partikolarment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, permezz tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Il-qafas tal-UE tal-Konvenzjoni daħal fis-seħħ f'Jannar 2011. L-Ombudsman tippoteġi, tippromwovi, u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE, flimkien mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, u l-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà. Fl-2014, il-qafas tal-UE ltaqa' darba u organizza laqgħa ma' korpi ta' monitoraġġ mill-Istati Membri. Minn Marzu, uffiċjal nazzjonali ssekondat kien qed jagħti appoġġ u jsaħħaħ it-tim tal-Ombudsman fi kwistjonijiet ta' diżabbiltà.



L-istituzzjonijiet tal-UE huma meħtieġa jiżguraw li: is-servizzi tagħhom ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà; persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għal informazzjoni minn, u mezzi ta' komunikazzjoni ma', l-istituzzjonijiet; l-ambjent tax-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-UE jkun miftuħ, inklużiv, u aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà; u li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv u sħiħ fil-ħajja politika u pubblika.

Fl-2014, l-Ombudsman indirizzat ilment li l-portal tal-web tal-[Europass CV](#) mhuwiex aċċessibbli għal persuni neqsin mid-dawl. Iċ-[Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali](#) jħaddem il-portal u issa stabbilixxa pjan ta' azzjoni biex itejjeb l-aċċessibilità tal-portal. L-Ombudsman laqgħet l-inizjattiva, u se tkompli tissorvelja l-kwistjoni. Hija bagħtet lill-kwerelant verżjoni awdjo tad-deċiżjoni tagħha, u ppubblikatha fuq is-sit elettroniku tagħha.

Biex tiżgura li persuni neqsin mid-dawl u oħrajn jistgħu jaċċessaw id-dokumenti fuq is-sit elettroniku tagħha stess, l-Ombudsman żviluppat reġistru pubbliku ta' dokumenti fl-2014. Hija enfasizzat ukoll il-komunikazzjoni b'lingwaġġ sempliċi, u li d-deċiżjonijiet ikunu disponibbli b'tipa kbira jew verżjonijiet awdjo.



Ilmenti ttrasferiti lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn; Il-kwerelanti li ngħataw parir mill-Ombudsman Ewropew sabiex jikkuntattjaw lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn fl-2014

Membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen li minnhom:



Il-Kummissjoni Ewropea



Istituzzjonijiet u korpi oħrajn



Nota: Billi f'ċerti każijiet l-Ombudsman tat aktar minn parir wieħed lill-kwerelant, il-perċentwali t'hawn fuq jammontaw għal total ta' aktar minn 100 %.


L-Ombudsman Ewropew tikkoopera mill-qrib ma' networks varji biex jiġi żgurat li l-ilmenti taċ-ċittadini dwar il-liġi tal-UE huma ttrattati malajr u b'mod effettiv.

Ħafna kwerelanti jikkuntattjaw lill-Ombudsman meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali, jew lokali. Dawn l-ilmenti jaqgħu barra mill-mandat tal-Ombudsman, u spiss jikkonċernaw allegat ksur tal-liġi tal-UE minn Stati Membri. Ombudsmen nazzjonali jew reġjonali fi ħdan in-[Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen](#) huma fl-aħjar pożizzjoni biex jitrattaw ħafna każijiet simili. Il-[Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew](#) huwa wkoll membru sħiħ tan-Netwerk. Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu tal-ilmenti lill-membri kompetenti tan-Netwerk, kemm jekk ikun ombudsman nazzjonali kif ukoll reġjonali, korp simili, jew il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

In-Netwerk issa jinkludi kważi 100 uffiċċju f'36 pajjiż Ewropew. Dan jinkludi l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u korpi simili tal-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE, u pajjiżi oħrajn fiż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll l-Ombudsman Ewropew u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.



Il-Gwida Interattiva tal-Ombudsman Ewropew tgħin lil 20 000 ċittadin fis-sena jsibu l-korp xieraq li jistgħu jikkuntattjaw għas-soluzzjoni tal-problemi.



In-Network iservi bħala mekkaniżmu utli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi tal-UE u l-aħjar prattika permezz ta' seminars, bulletin biannwali (issa elettronikament kull tliet xhur), u forum tal-Extranet għad-diskussjoni u l-iskambju tad-dokumenti.

Id-diskussjonijiet fl-2014 kienu prinċipalment iffokati fuq ir-rwol tal-ombudsman fl-investigazzjoni ta' lmenti minn persunal militari; kawżi miġjuba kontra l-istituzzjonijiet tal-ombudsman miċ-ċittadini, fil-każ li ma kinux sodisfatti bir-rispons ta' daww l-istituzzjonijiet għall-ilmenti tagħhom; u l-edukazzjoni bilingwi għat-tfal minn minoranzi nazzjonali. [#17](#)



#17



Alison Moulds

Thanks @EUombudsman for a fantastic Liaison Seminar for the European Network of Ombudsmen. Was great to take part & represent @PHSOmbudsman

Grazzi lill-Ombudsman Ewropew għal Seminar ta' Kollegament meraviljuż għan-Network Ewropew tal-Ombudsmen. Kienet ħaġa sabiħa li haġt sehem u rrappreżentajt lill-Ombudsman Parlamentari u għas-Servizz tas-Saħħa.

In-Network organizza żewġ seminars matul is-sena. F'Ġunju, l-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman tas-Servizzi Pubbliċi għal Wales (ir-Renju Unit) organizzaw b'mod konġunt id-Disa' Seminar Reġjonali tan-Network. Dan sar f'Cardiff u ddiskuta: "L-ombudsmen u l-kumitati għall-petizzjonijiet: ilħna għal min m'għandux leħen". L-oqsma ewlenin eżaminati kienu: il-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni aktar żgħar; popolazzjoni li qed tikber fl-età; persuni b'diżabilità; u d-dritt għal kura tas-saħħa u soċjali ta' kwalità għolja. Xahrejn qabel, l-Ombudsman Ewropew organizzat id-Disa' Seminar ta' Kollegament tan-Network fi Strasburg. Dan eżamina modi kif jistgħu jitjiebu s-servizzi li l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew jipprovdli lin-Network; kif jistgħu jiżdiedu l-viżibbiltà, l-impatt, u r-rilevanza tan-Network; ir-rwol tal-midja soċjali biex tiżdied il-viżibbiltà tan-Network; u r-rwol tal-ombudsmen bħala gwardjani tat-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni.

F'xi każijiet, l-Ombudsman tista' tqis li huwa xieraq li tittrasferixxi lment lill-Kummissjoni Ewropea, lil SOLVIT, jew lil Pariri tal-Ewropa Tiegħek. SOLVIT huwa netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni biex jgħin lin-nies li jħabbtu wiċċhom mal-ostakoli meta jkunu qegħdin jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern tal-Unjoni. Pariri tal-Ewropa Tiegħek huwa netwerk ieħor mifruż fl-UE kollha li waqqfet il-Kummissjoni sabiex jagħti parir liċ-ċittadini dwar ħajjithom, xogħolhom u l-ivvjaġġar tagħhom fl-UE. Qabel ma jittrasferixxu lment jew jagħtu xi parir lill-kwerelant, is-servizzi tal-Ombudsman jagħmlu kull sforz sabiex jiddeterminaw liema uffiċċju ieħor jista' jgħin bl-aħjar mod lill-kwerelant.

Il-pubblikazzjoni tal-Ombudsman *Problemi mal-UE? Min jista' jgħinek?* fiha aktar informazzjoni dwar mezzi alternattivi ta' rimedju.





11.1 Il-baġit

Il-baġit tal-Ombudsman huwa taqsima indipendenti tal-baġit tal-UE. Huwa maqsum fi tliet titoli. It-Titolu 1 jinkludi salarji, benefiċċji, u nfiq ieħor relatat mal-persunal. It-Titolu 2 ikopri bini, għamara, tagħmir, u nfiq operattiv mixxellanju. It-Titolu 3 jinkludi l-infiq li jirriżulta mill-funzjonijiet ġenerali mwettqa mill-istituzzjoni. Fl-2014, l-appropriazzjonijiet tal-baġit kienu jammontaw għal EUR 9 857 002.

Bl-għan li jiżgura l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi, l-awditur intern tal-Ombudsman, Robert Galvin, iwettaq verifiki regolari tas-sistemi ta' kontroll intern tal-istituzzjoni u tal-operazzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-uffiċċju. Kif inhu l-każ ta' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri twettaq ukoll verifiki tal-istituzzjoni tal-ombudsman.

11.2 Użu tar-riżorsi

Kull sena, l-Ombudsman jadotta [Pjan ta' Ġestjoni Annwali](#) (AMP), li jidentifika azzjonijiet konkreti li l-uffiċċju jeħtieġ li jieħu sabiex jimplimenta l-oġettivi u l-prijoritajiet tal-istituzzjoni. L-AMP għall-2014 kien l-aħħar wieħed li kien ibbażat fuq l-[Istrateġija għall-Mandat 2009-2014](#). tal-Ombudsman.




It-tim tal-Ombudsman Ewropew.

11.3 It-tim wara l-Ombudsman

L-istituzzjoni għandha persunal multilingwi u bi kwalifiki għolja. Dan jiżgura li hija tkun tista' tindirizza lmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE u biex tqajjem sensibilizzazzjoni lejn il-ħidma tal-Ombudsman. Fl-2014, it-tabella tal-persunal tal-Ombudsman Ewropew kien fiha 67 kariga.

Lista sħiħa u aġġornata regolarment tal-persunal, inkluża informazzjoni dettaljata dwar l-istruttura tal-uffiċċju tal-Ombudsman u l-kompiti ta' kull taqsima, hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (www.ombudsman.europa.eu) fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. ► #8





Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew

Bil-posta

Ombudsman Ewropew
1 avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F - 67001 Strasbourg Cedex

Bit-telefon

+33 (0)3 88 17 23 13

Bil-faks

+33 (0)3 88 17 90 62

B'ittra elettronika

eo@ombudsman.europa.eu

Online

Sit elettroniku: www.ombudsman.europa.eu

Twitter: twitter.com/EUombudsman

Google+: plus.google.com/101520878267293271723

LinkedIn: www.linkedin.com/company/272026

YouTube: www.youtube.com/eotubes

Żur

Jekk tixtieq iżżur l-uffiċċji tal-Ombudsman Ewropew fi Brussell jew fi Strasburgu, jekk jogħġbok ikkuntattjana bil-quddiem.

Dan ir-*Rapport Annwali* huwa ppubblikat fuq l-internet fuq:

www.ombudsman.europa.eu

© Unjoni Ewropea, 2015

Ir-ritratti, Videos u stampi huma kollha © Unjoni Ewropea, sakemm mhuwiex indikat mod ieħor.
Ir-riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata, sakemm is-sors jiġi rikonxxut.

Miktub fi FrutigerNext u Palatino.

Print ISBN 978-92-9212-793-0 . ISSN 1725-9762 . doi: 10.2869/21077 . QK-AA-15-001-MT-C
EPUB ISBN 978-92-9212-786-2 . ISSN 1830-6926 . doi: 10.2869/608370 . QK-AA-15-001-MT-E
PDF ISBN 978-92-9212-744-2 . ISSN 1830-6926 . doi: 10.2869/75446 . QK-AA-15-001-MT-N

Jekk inti teħtieġ verżjoni stampata kbira ta' din il-pubblikazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew. Aħna se nagħmlu ħilitna wkoll biex nipprovdu verżjoni awdjo fuq talba.

